ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORAL) L-ISKEMA TAL-MARKI

It-Tqassim tal-Marki tal-Qari Mgħajjat			
Ir-ritmu tal-qari			
0	**0.5**	**1**	**2**
Qari mlaqlaq, kelma kelma, ma jinftehimx u donnu minn taħt l-ilsien.	Qari b'leħen ċar imma mhux dejjem mexxej.	Qari bis-sens, b'leħen ċar u b'ritmu mexxej fil-biċċa l-kbira tal-qari.	Qari bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza tul il-qari kollu.
Il-qari li jsegwi l-punteġġjatura			
0	**0.5**	**1**	**1.5**
Il-qarrej qatt ma jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u jibqa' għaddej bla ma jieqaf fejn suppost.	Il-qarrej mhux dejjem jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u mhux dejjem jieqaf fejn suppost.	Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura għalkemm f'xi waqtiet ma tinħassx kunfidenza biżżejjed.	Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura b'kunfidenza u jaf it-tifsira tagħhom għax kapaċi jħaddimha tajjeb ħafna fil-qari tiegħu.
Użu tajjeb tat-tonalità u l-waqgħat tal-leħen			
0	**0.5**	**1**	**1.5**
Il-qarrej jaqra b'ton wieħed bla ma jbiddel il-vuċi skont it-test u ma jagħrafx fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq.	Il-qarrej mhux dejjem jaqra b'ton wieħed u xi drabi jbiddel il-vuċi skont it-test u mhux dejjem jagħraf fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq.	Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa fil-parti l-kbira tal-qari tiegħu.	Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa b'konsistenza tul il-qari kollu.

It-Tqassim tal-Marki tat-Taħdit		
1. Il-kompetenza fit-taħdit		
0 Id-diskors **ma** • jinstemax u ma jinfehimx sewwa; • fihx pronunzja tajba; • fihx intonazzjoni tajba; • jagħmilx enfasi fejn meħtieġ.	**1** Id-diskors **mhux dejjem** • jinstema' u jinftiehem sewwa; • għandu pronunzja tajba; • jinstema' b'intonazzjoni tajba; • jagħmel enfasi fejn meħtieġ.	**2** Id-diskors **dejjem** • jinstema' u jinftiehem sewwa; • jinstema' bi pronunzja tajba; • jinstema' b'intonazzjoni tajba; • isir b'enfasi fejn meħtieġ.
2. Il-lessiku		
0-1 Jidher li hemm • ħakma **limitata u ripetuta** tal-lessiku marbut mat-tema; • **għadd kbir** ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali.	**2** Jidher li hemm • ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema; • **ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali.	**3** Jidher li hemm • ħakma **tajba u varjata** ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema; • **ftit li xejn** żbalji fil-korrettezza grammatikali.
3. L-istruttura tad-diskors		
0 • Diskors b'sentenzi bi **struttura mħawda** li ma jagħmlux sens; • Ftit li **xejn ideat** u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet; • **Bla ebda sens** ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.	**1** • Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**; • **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti; • **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.	**2** • Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** u li jagħmlu sens; • **Għadd ta' ideat** bi ftit li xejn ripetizzjoni; • **Binja tajba** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.
4. Il-kontenut ippreżentat		
0-1 • **Ftit li xejn diskors korrett** marbut mat-tema; • Fatti mogħtija **bla sekwenza;** • **Qatt jew rari** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.	**2** • **Deskrizzjoni tajba u fil-biċċa l-kbira tagħha hi korretta**, u taqbel mat-tema; • sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija; • **xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.	**3** • **Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta** mat-tema; • **sekwenza tajba** tal-fatti mogħtija; • **jingħataw** ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a.